# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmelo Butler**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Carmelo Butler**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 130863M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fil-15 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tal-18:27 ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, Paola, (in suċċint)

(a) Talli naqas li jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu minn uffiċjal inkarigat minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu (minn CO 22 Josef Borg);

(b) Għamel inġurja jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien provokat ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Josef Borg;

(c) Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li wara li ġew moqrija l-imputazzjonijiet lill-imputat huwa wieġeb li kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkonudannah għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja jew ta' ħlas ta' multa. Il-Qorti, wara li tagħtu żmien biżżejjed biex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, semgħat lill-imputat ittenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Għall-fini tal-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti semgħet ukoll lill-CO 22 Josef Borg.

Semgħet ukoll lill-imputat jiddikjara pubblikament u fil-Qorti bil-miftuħ li huwa kien qiegħed japoloġizza għall-aġir tiegħu fil-konfront ta' CO 22 Josef Borg.

***Ikkunsidrat :***

Illi f'dan il-każ il-fatti huma pruvati u jirriżulta mix-xiehda ta' CO22 Josef Borg li waqt dan l-inċident l-imputat kien ukoll ġie aggressiv għalih. Mill-banda l-oħra l-Qorti qieset li l-imputat kien wera wkoll li kien iddispjeċih għal dak li għamel u apoloġizza pubblikament u fil-Qorti bil-miftuħ. Minħabba li l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri u fid-dawl tal-apoloġija pubblika din il-Qorti ma tqisx li għandha timponi piena karċerarja u tqis li jkun idoneju li timponi multa.

# ***DEĊIDE***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 17(c), 31, 33A, 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tikkundannaħ għall-multa ta' mitt euro (€100).

***Mogħtija illum is-16 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***